# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 543/97

Joseph Silvio Agius

vs

Chairman Telemalta Corporation u b' digriet tat-13 ta' April 1999 Maltacom p.l.c.

Illum 9 ta' Ottubru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1994 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma giex moghti promozzjoni.

Illi l-fatti fil-qosor kienu li r-rikorrent kien ilu jahdem mal-Korporazzjoni Telemalta ghal 17-il sena. Ir-rikorrent kien dahal mal-Korporazzjoni Telemalta bhala apprentist u wara tlett snin skola temm b'success il-course ta' technician u sar TT1. Matul il-perjodu ta' l-impieg tieghu ir-rikorrent qatt ma kellu rapporti kontra tieghu u dejjem wettaq xogholu b'responsabilita'. Illi fin-1994 kienu hargu applikazzjonijiet ghal grad ta' Customer Services Officer u ir-rikorrent kellu l-kwalifiki kollha mehtiegu biex japplika ghal dan il-grad. Barra minn hekk huwa kien diga qed jaghmel xoghol konness ma' dan il-grad.

Illi ir-rikorrent resaq ghal interview u meta hargu l-promozzjonijiet gie maqbuz kemm b'seniority kif ukoll fi kwalifiki. Ir-rikorrent huwa konvint li dawn il-promozzjonijiet saru b'mottiv politiku u l-aktar ghaliex huwa membru attiv tal-Partit Laburista u dan huwa maghruf ma' kulhadd u dan peress li ir-rikorrent kien ikun mal-Ministru presenti Dr. Noel Farrugia M.D.

Illi ghalhekk huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilmenti tieghu x-xhieda ndikati f'dan ir-rikors biex jipprova l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjonijiet ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jiehu l-promozzjoni b'lura minn 1994 jew inkella

jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithalls kumpens f'ammont li jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tas-socjeta` intimata li eccepiet:

1. Illi l-korporazzjoni tichad li ghamlet xi ngustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Customer Services Officer kienet harget fis-17 ta' Frar 1994. Ir-rikorrent kien applika pero' ma kienx ikkwalifika.

3. Illi minn massimu ta' 100 marka r-rikorrent gab 40 marka. Dawn kienu mqassmin hekk: 4 minn 25 marka ghal kwalifiki; 20 minn 30 marka ghall-esperjenza fuq ix-xoghol; 12 minn 15 il-marka ghas-snin ta' servizz; 3 minn 15 il-marka ghall-leadership skills; u 1 minn 15 il-marka ghal Motivation/Aptitude/Merit.

4. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li jahdem mal-Maltacom p.l.c. bhala Radio Telegraph Operator u ilu mill 1980 meta dak iz-zmien dahal bhala apprentista. Sostna li sofra ingustizzja fl-1994 meta kienu hargu applikazzjonijiet ghall-Customer Service Officer. Baghtu ghall-membri kollha tal-Customer Service Unit li taghha kien impjegat u ghalih ma baghtux. Ipprotesta u bl-intervent tal-General Workers Union tramite s-Sur Lino Debono gie accettat li joqghod ghal dan l-ezami f'dik il-gurnata stess li kellu jsir. Sostna li l-marki li inghata ma kinux gusti. Semma li inghata 3 marki minn 15 ghall-leadership skills, din hija wahda redikola u marka wahda minn 15 ghall-motivation/aptitude/Merit zgur li fost affarijiet ohra jidher car l-ingustizzja.

In kontroezami mistoqsi jekk hassx li kien hemm xi hadd li ghadda u b'hekk saret ingustizzja semma lil Dennis Grixti u Joseph Mizzi. Dawn it-tnejn ma kinux ghaddew mill-kors ta' Radio Telegraph Operator, mentri hu ghadda u meta harget il-promozzjoni ta'

Customer Service Officer, huma ghaddew bi 'flying colours' u hu ma nghatajtx il-promozzjoni.

Charles Zammit xehed li f'Mejju 1994 kien il-Head tal-Customer Service u kien hekk meta kienu saru l-interviews ghal Customer Service Officer. Ir-rikorrent kien applika u kien wiehed mill-applikanti li kien eliggibli. Kienu imxew fuq il-kriterji li stabbilixxa il-Management. Dwar ir-rikorrent ma kellu l-ebda dubju fuq l-integrita tieghu u ma hemmx records ta' rapporti fuqu. Kien wiehed mill-membri tal-bord ta' l-ghazla ghall-interview tal-Customer Service Officer. Zied jghid: "Nghid li ghall-kwalifiki kien inghata erbgha marki minn 25 li f'dan il-kaz nghataw abbazi ta' kriterju fuq O levels li kellu l-applikant f'dan il-kaz kellu O level wiehed u nghata 4 marki taghhom. Imbaghad inghata 20 marka minn 30 ghal Works Experience, inghata 12 minn 15 - il marka ghal snin ta' servizz. Inghata 3 marki minn 20 ghal leadership skills…

Nghid li l-bord dak iz-zmien kien iddecieda wara li qed nara r-rapport li ghal esperjenza fix-xoghol f'Wied Rini u fil-GTC ma kellhomx jinghataw marki. Nghid li r-rikorrent kien nghata wkoll marka minn 20 ghal motivation aptitude u merit nghid li din il-marka nghatat abbazi ta' mistoqsijiet li kienu saru dakinhar waqt l-interview… il-kriterja li kien hemm dak iz-zmien kienu li O levels biss kienu qed jittiehdu in konsiderazzjoni f'din is-sejha ghall-

applikazzjoni bhala kwalifiki.” Ghalhekk ma tawhx marki ghal 4 certifikati tac-City and Guilds u tal-Journeyman Certificate.

Tommy Roberts rapprezentant tal-Maltacom esebixxa r-rapport tal-bord ta’ l-ghazla ghas-sejha ta’ l-applikazzjoni ghal Customer Service Officer li fih l-marki tar-rikorrent u mmarkati highlighted.

Joseph Mallia rapprezentant tal-Maltacom xehed li dwar ic-certifikati tac-City and Guilds ma kienx jaf kellhomx jinghatw marki. Stqarr li l-journey man certificate jinkwadra ghar-rekwiziti ghas-sejha ghall-applikazzjoni skond ir-rekwiziti li hemm mnizzlin a fol 36 tal-process.

Tony Lia li kien membru fil-bord tal-ghazla tan-1995 xehed li sar jaf lir-rikorrent fl-interview. Dwar certifikati qal “li niftakar huwa li jekk inti jkollhok matrikola u “O” Level GCE tal-Malti ma jghoddux bhala tnejn izda jghoddu bhala wiehed. Ezamijiet differenti jidhirli li tajna marki fuqhom infatti anke fuq l-ischool leaving certificates jekk niftakar tajjeb kienu nghataw xi marki. Nghid li l-kriterji li mxejna fuqhom kienu moghtija lilna mill-management wara ftehim mal-Union… Mistoqsi fir-rigward ta’ kopji ta’ certifikati li ghadu kif esebixxa ir-rikorrent nghid li apparti l-Malti li kien tal-Matsec ic-certifikati l-ohra mistoqsi dawn kinux ittiehdu in konsiderazzjoni nghid li ma niftakarx ezattament izda jidhirli li dawn ic-certifikati kienu jittiehdu in konsiderazzjoni ukoll. Muri dokument fejn hemm il-marki li fil-fatt kien ottjena r-

rikorrent jirrizulta mill-marki li fil-fatt ottjena li huwa nghata 4 marki ta' certifikat 1 biss li huwa tal-Malti u fil-fatt jidher li mid-dokument esebit a fol 39 tal-process."

Miriam Abela li ukoll kienet membru tal-bord fil-promozzjonijiet tas-CSO fl-1995 xehdet li l-l-Management kien taghhom l-kriterji kif ghandhom jimxu u dawn il-kriterji kienu stabbiliti mal-Union. U l-Union koncernata kienet il-GWU. "Nghid li kien hemm punteggi allokati ghall-kwalifiki u l-Management kien qalilna li d-distinzjoni bejn lingwa u suggetti ohra u kien hemm anke l-enfasi fuq l-"O" Levels. Jekk mhiniex sejra zball jidher li l-kwalifiki kellhom ikunu "O" Levels. Din kienet tidher ukoll fis-sejha ghall-applikazzjoni. Izda kien hemm li ghal dawk li kellhom minn recognised body aktar minn 50 sena setghu jipprezentaw certifikat.

Il-punteggi kienu jinghataw hekk: 4 punti ghall-"O" Level f'lingwa, 2 punti ghal kull suggett addizzjonali iehor, u punti doppji ghal "A" Level. U dan bl-eccezzjoni ta' dawk li kienu 'l fuq minn hamsin sena u kellhom certifikat minn recognized body. Kien hemm l-eccezzjoni wkoll, ghall dawk li kienu 'l fuq minn hamsin sena, u ghal dawk li kienu bhala CSA. U CSA tfisser Customer service assistant. Imbaghad kien hemm il-marki ghas-snin ta' servizz, u l-individwi kienu jinghataw zewg punti, ghall kull sena servizz, fit-telefonija jew telegrafija. Dawn il-kriterji kollha kienu bi qbil mal-Union. Imbaghad kien hemm hmistax il-marka massimu ghall-Servizz mal-Korporazzjoni, u kienet tigi moghtija marka

ghall-kull sena servizz. Imbaghad kien hemm hmistax il-marka allokati ghall-leadership skills, u din assessjaniha peress li waqt l-interview, ghamilna domandi lill-applikanti, biex nassessjaw x'tip ta' leadership skills ghandhom….

Murija l-kopji tac-certifikati li ghadu kif esebixxa r-rikorrent nghid li kien jittiehed biss in konsiderazzjoni certifikat tal-Malti. L-ohrajn ma kienux jittiehdu in konsiderazzjoni. Peress li kienu eskluzi mill-kriterji li diga' semmejt."

**KONKLUZZJONIJIET:**

Ikkunsidra

Illi dan il-kaz jorbot kollox fuq l-marki allokati ghac-certifikati. Infatti mill-marki l-ohra ir-rikorrent ottjena 40 marka u ghalhekk ma ghaddiex. Ghalkemm jista' wiehed igebbed xi marka 'l hawn u 'l hinn fuq il-kriterji l-ohra dawn mhux ser iwassluh ghal pass mark jekk ma jittiehdux in kunsiderazzjoni l-marki ghac-certifikati.

Ir-rikorrent ipprezenta certifikat tal-matrikola fil-Malti u gie allokat 4 marki tieghu, u Jouneyman's Certificate ghal Telecom Technician I, u 4 certifikati tac-City and Guilds of London Institute.

Minn fol 36 tal-process dwar il-kriterji tal-allokazzjoni tal-marki deciz mill-Management u approvat mill-GWU kella tkun:

4 marks for each “O” level certificate in languages

2 marks for each additional certificate

double marks were awarded for each “A” level certificate submitted

Employees who were 50 years of age or older and who occupy post within the C.S.U. and all C.S.A.s who were in the post on 15 June 1995, who may have presented certificates in proficiency from a recognised body (Education Department, Cultural Institute, etc.) these were considered as equivalent to Ordinary Level Certificates for the purpose of the selection.

Hawn wiehed irid jezamina zewg aspetti u cioe’ ezattament x’kien ifisser dak il-kliem, u sekondarjament kif gie applikat mill-examining Board. Jekk wiehed kellu jinterpreta l-kliem uzat strettament wiehed jasal li “2marks for each additional certificate” liema kliem qieghed bejn “4 marks for each “O” level certificate in languages” u kliem iehor fuq l-“A” levels strettament ghandu jittiehed ghal certifikati ta’ “O” levels mhux fil-lingwi.

Izda l-Bord donnu ta interpretazzjoni ohra. Minn kliem Miriam Abela l-Management kien qalilhom li d-distinzjoni bejn lingwa u suggetti ohra u kien hemm anke l-enfasi fuq l-“O” Levels. Izda kien hemm li ghal dawk li kellhom aktar minn 50 sena minn kellu certifikat minn recognised body setghu jipprezentaw certifikat.

Kien hemm l-eccezzjoni li ghal dawk li kienu ‘l fuq minn hamsin sena, u kienu fic-CSU jew CSA. Izda r-rikorrent ma kellux hamsin sena.

Joseph Mallia semma li suppost r-rikorrent inghata zewg marki tal-Journeyman’s Certificate.

Izda r-rikorrent ma setax jibbenefika mill-klawsola dwar dawk li kellhom hamsin sena u kienu fic-CSU/CSA fil-15 ta’ Gunju, 1995 ghax dawn ir-rekwiziti ma japplikawx ghalih. Skond l-applikazzjoni c-certifikati tieghu hlief ghal Journeyman’s Certificate ma setghux jitqiesu bhala ekwivalenti ghal “O” levels. Ghalhekk l-ingustizzja ma gietx pruvata.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.